# Mid-Djarju ta' l-Imgħoddi (12)

# Patri Anton Tabuni O.P. (1465-1555) u Ħal Tabuni

Jikteb Joseph Schembri

**Patri Anton Tabuni twieled Is-Siġġiewi, qrib is-sena 1465. Dan nafuh minn dokument qadim ħafna li qiegħed fl-Arkivju tal-Knisja ta' Sidtna Marija ta' l-Għar. Kunjom Patri Anton ġieli nkiteb Tabone jew Taboni. Fl-Arkivju tal-Kunvent ta' San Duminku f'Palermo, hemm reġistru ta' żmien Patri Anton, u kunjomu huma miktub *Tabuni*.**

Huwa ħaddan l-Ordni Dumnikan fi Sqallija fil-Kunvent ta' Santa Zeta f'Palermo, fejn kellu wkoll żewġ ħutu Dumnikani li kienu Patri Ġakbu u Patri Nikol. Fil-qagħda mwiegħra li kienet tinsab fiha Malta dak iż-żmien, id-Dumnikani Maltin li kienu jgħixu barra minn Malta, xejn ma ħajjarhom biex jiġu jaħdmu f'art twelidhom.

F'dak iż-żmien, fil-Kunvent Patri Anton kien jgħaddi ħafna ħin fit-talb u jagħmel il-penitenzi. Huwa ħadem f'diversi karigi ta' responsabbiltà fi ħdan l-Ordni Dumnikan, fosthom dik ta' Pirjol fis-snin 1504, 1507, 1521, 1537. Is-Superjuri tiegħu raw fih mexxej serju u għaqli, u għalhekk fdawlu f'idejh il-kariga ta' Superjur tal-Provinċja Dumnikana fi Sqallija fis-snin 1520, u 1536.

Meta kellu 80 sena, saħħet Patri Anton bdiet sejra lura u għalhekk kellu jieqaf milli jkompli jwettaq ħidmietu. Huwa ħassu qrib tal-mewt, u talab biex iqerr. Il-Patri li kien iqerr għandu kien marid bid-deni, u kellu wġigħ qawwi, għalhekk ma setax joħroġ miċ-ċella tiegħu. Patri Anton talbu biex iqum, il-konfessur qam u megħjun minn żewġ Patrijiet wasal fejn kien il-penitent. Wara li qarru u tah l-assuluzzjoni, Patri Anton bierek lill-konfessur tiegħu, u minnufih dan fieq mid-deni li kellu, u seta' jimxi bħallikieku ma kellu xejn.

Fit-30 ta' Settembru 1555, Patri Anton Tabuni għalaq għajnejh għal din id-dinja. Dakinhar meta n-nies semgħet bl-aħbar li kien miet Patri Anton marru bi ħġarhom il-Kunvent biex jagħtuh l-aħħar tislima. In-nies għamlu minn kollox biex ikollhom xi ħaġa tifkira tiegħu, u nsibu miktub li saħansitra ħadulu l-ħwejjeġ li kien imkeffen bihom. Il-Patrijiet kellhom jerġgħu jkeffnuh mill-ġdid, u wara malajr difnuh ħden il-qabar tal-Beatu Ġeremija O.P.

Patri Anton dejjem ġie msejjaħ Beatu għax bl-interċessjoni tiegħu twettqu xi mirakli. Darba waħda, mara li kellha wġigħ kbir f'sidirha fieqet malli messet mal-katavru ta' Patri Anton. Mara oħra kienet tbati b'uġigħ ta' ras qawwi, din ukoll fieqet bl-istess mod.

Wara ħafna snin il-ġisem ta' Patri Anton inqala' mill-qabar u b'għaġeb liema bħalu nstab b'idejh marbuta u bid-daħka f'wiċċu. Kienu tpittru żewġ kwadri bix-xbiha ta' Patri Anton: wieħed kien għand Patri Ġużepp Gafà O.P. li jiġi ħu l-arkitett Lorenzo Gafà, u l-ieħor kien għand is-Sur Ġwann Anton Mallia Tabone li kien ġej minn nisel tal-familja ta' Patri Anton Tabuni. Taħt wieħed minn dawn iż-żewġ kwadri kien hemm din il-kitba:

*Ven. Patris Fr. Antonii Tabonii Melitensis, qui octagenarius obiit 1555, Mense 7 bri in Conventu S. Zitae Panormii. Multis Signis dum erat in Pheretro Perpetratis.*[1]

## Ħal Tabuni

Mijiet ta' snin ilu, missirjietna li kienu jgħixu fis-Siġġiewi u l-inħawi ta' madwar; kienu bdiewa u kien ikollhom il-merħliet ta' ngħaġ u ta' mogħoż. Dak iż-żmien ix-xogħol tar-raba' kien ta' tbatija kbira, imma kien jisfa' fix-xejn meta ma tagħmilx ix-xita għall-uċuħ tar-raba'. Ma kienx ikollhom ilma biżżejjed biex ikabbru l-prodotti u biex jisqu u jirgħaw 'il bhejjem tagħhom.

Qabel ma ġie ffurmat ir-raħal tagħna Is-Siġġiewi, il-bdiewa li wħud minnhom kienu raħħala wkoll kienu jabitaw f'xi għerien, irziezet u f'xi kmamar fil-kampanja. Dawn meta kienu jkunu qrib xulxin kienu jissejħu Ħal(raħal). Dawn l-irħula ż-żgħar kienu mxerrdin ma' Malta kollha. Illum fadal biss isimhom miktub fl-Istorja ta' Malta.

Fil-kampanja ta' madwar Is-Siġġiewi kien hawn minn dawn l-irħula ż-żgħar. Ħal Tabuni kien wieħed minnhom. Skond ma jgħidilna Annibale Preca fil-ktieb tiegħu *Malta Cananea* Ħal Tabuni huwa post imsemmi għall-familja Tabuni. Kien raħal antik ħafna u qrib Is-Siġġiewi, kien bla nies fiż-żmien li Ġann Franġisk Abela kiteb il-ktieb tiegħu *Della Descritione di Malta* u bit-Taljan insibuh bl-isem ta' Raħal Tabone.[2]



*Ġnien d'ors – fl-inħawi fejn kien dari Ħal Tabuni.*

Madwar dawn l-irħula ż-żgħar li semmejna aktar 'il fuq kienu jibnu xi kappella żgħira. Ħal Tabuni kellu l-knisja tiegħu wkoll li kienet iddedikata lil Santa Marija. Fit-testment li kien sar quddiem in-Nutar Giuliano Muscat tat-2 ta' Diċembru 1586, Giovanni Muxi ħalla xi benefiċċji lil din il-Knisja kif hemm irreġistrat fl-Arkivju Arċiveskovili tal-Kurja, Il-Furjana. Fl-1658, din il-Knisja ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer Camarasa.[3]

Ħal Tabuni kien bejn wieħed u ieħor minn San Teodoru (Dawdar) u n-nixxiegħa (il-bidu tal-Fawwara). Kien hemm dawn il-postijiet li wħud minnhom għadhom jissemmew bħal: ta' ġnien barru, ġnien d'ors, taċ-ċaqra, tar-rangu, tal-pinċott, parti mid-dikkiena u l-bajjada. Kien hemm ukoll dawn il-postijiet li ntesew maż-żmien u li għadhom irreġistrati fit-testmenti fi żmien li Ħal Tabuni kien bin-nies. Il-postijiet kienu dawn: għajn moxa, ta' ħifernet, ta' ħofriet ir-riħ, il-ħrejba, tal-maħmuġ, il-mandra, tal-mitħna, ta' bieb ir-raħal, u ta' xaqqitana.[4]

Fil-lista tas-suldati tad-dejma, insibu li f'Ħal Tabuni kien hemm ħdax-il raġel li kienu miktubin fid-dejma.[5] Dan il-kunjom kien ftit komuni f'dak iż-żmien, imma wara xi żmien x'aktarx li sar Tabone, bħal fil-każ ta' Ħal Luqa fejn jissemma s-sqaq ta' Tabuni li jissemma fl-1720, u llum huwa Triq Dun Pawl. Dan għaliex il-familja Tabone kellha r-raba' hemmhekk sa mill-1686, għalhekk is-sqaq kienu jsibuh ta' Tabuni.[6]

**Riferenzi:**

1 Patri Pawl Galea O.P. –Patri Anton Tabuni, Dumnikan. Berqa 30 ta' Jannar 1947.
2 Annibale Preca – Malta Cananea.
3 Rev. Mons. Vincent Borg – Marian Devotions in the Islands of St. Paul (1600-1800).
4 Godfrey Wettinger – Place Names of the Maltese Islands (1300-1800).
5 Godfrey Wettinger – The Militia List of 1419-1420 – Melita Historica 1969.
6 Dun Ġużepp Micallef – Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha. Paġna 136.

## INĦEJJU RUĦNA GĦALL-FESTA
## BILLI NERSQU GĦAS-SAGRAMENT TAL-QRAR

Il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju: mis-6.00pm. 'il quddiem;
Matul il-ġimgħa tal-Festa: qabel u wara l-funzjonijiet tal-knisja.

***Naħsbu fil-Qrar u nersqu għall-Ewkaristija qabel kollox!***